MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 243/2011

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta’ Lulju 1982;

Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt itfal, Nicholas u Natasha, illum il-gurnata it-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment fit-3 ta’ Dicembru 1993 wara li lahqu ftehim bejniethom ghal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta’ access, kustodja u manteniment tat-tfal kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni

tal-partijiet gew indirizzati, hekk kif jidher mill-att ippubblikat minn Nutar Dr. A Fleri Soler;

Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex skont dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni joghgobha:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fl-1 ta' Lulju 1982, bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; (Art. 66A(1) Kap 16)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. (Art. 66A(4) Kap 16)

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------